**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 01 ta' Gunju, 2017**

**Rikors Guramentat Nru: 1181/2015 AF**

**AMG Cold Stores Limited (C-35425)**

**vs**

**Avukat Dr. Joseph Ellis u l-Prokuratur Legali Davina Sullivan li b'digriet tal-4 ta' Mejju 2016 gew mahtura Kuraturi Deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Paul Borg ezercitanti l-kummerc taht l-isem tad-ditta London Butcher Gzira u kif ukoll Glorianne Borg mart l-istess Paul Borg ghal kull interess li jista' jkollha**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Gordon Spiteri ghan-nom u fl-interess tas-socjetà AMG Cold Stores Limited, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Is-socjetà esponenti ghamlet diversi transazzjonijiet ta' merkanzija lill-intimat Paul Borg konsistenti fi prodotti ta' laham u ikel ghal konsum u dan kif jirrizulta mill-istatement hawn anness u mmarkat bhala Dok. A.

Sal-lum l-ammont dovut mill-imsemmi intimat Paul Borg jammonta ghal sitta u erbghin elf, sitt mija u erba' u tmenin Ewro u tmienja u sittin centenzmu (€46,684.68) u liema ammont gie mitlub diversi drabi inutilment mis-socjetà esponenti.

L-intimata Glorianne Borg kellha interess fit-transazzjonijiet imsemmija, tant li c-cheques ghall-hlas tal-istess ammont kienu jinhargu mill-kontijiet bankarji tal-istess intimati, hekk kif jidher mid-dokumenti hawn anness u mmarkat bhala Dok. B.

L-intimati ghalkemm mitluba biex ihallsu dan l-ammont dejjem baqghu inadempjenti.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-intimat jew min minnhom ghandhom ihallsu lill-esponenti l-ammont ta' sitta u erbghin elf, sitt mija u erba' u tmenin Ewro u tmienja u sittin centenzmu (€46,684.68).

2. Sussegwentement tordna u tikkundanna lill-intimati jew min minnhom ihallsu l-ammont ta' €46,684.68 bl-imghaxijiet legali sal-gurnata tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru li qieghed jigi prezentat kontestwalment mal-prezenti kontra l-istess intimati li minn issa qeghdin jigu ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta tal-konvenuti Dr. Joseph Ellis u l-PL Davinia Sullivan fil-kwalità taghhom ta' kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Paul Borg kif ukoll lill-martu Glorianne Borg, li in forza taghha gie eċċepiet illi:

Huma fil-kwalità taghhom ta' kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Paul Borg kif ukoll lill-martu Glorianne Borg, mhumiex prezentement edotti mill-fatti li taw

lok ghal dina l-kawza u ghaldaqstant, jirriservaw illi jdahhlu eccezzjonijiet ulterjuri aktar ‛il quddiem.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-affidavit prezentat.

Rat id-dokumenti esibiti.

Ikkunsidrat illi permezz ta’ dawk il-proceduri AMG Cold Stores qed titlob lil din il-Qorti tikkundanna lil Paul Borg u Glorianne Borg ihallsulha l-ammont ta’ €46,684.68 prezz ta’ laham lilhom mibjugh u konsenjat meta l-konjugi Borg hemm jiggestixxu “London Butcher” fil-Gzira. AMG Cold Stores irnexxielhom jippruvaw b’mod sodisfacenti li t-talba taghhom hija pjenament gustifikata u ghandha tintlaqa’. Tirrizulta pruvata permezz ta’ diversi affidavits u invoices. Ma giet kontradetta ebda prova mill-kuraturi mahtura biex jidhru ghall-istess konjugi Borg.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ l-ewwel talba u tiddikjara li Paul Borg u Glorianne Borg ghandhom ihallsu lil AMG Cold Stores Limited is-somma ta’ €46,684.68 (sitta u erbghin elf, sitt mija u erba’ u tmenin Ewro u tmienja u sittin centenzmu); tilqa’ t-tieni talba u tikkundanna lil Paul Borg u Glorianne Borg ihallsu lil AMG Cold Stores Limited is-somma ta’ €46,684.68, bl-imghaxijiet u spejjez kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Paul Borg u Glorianne Borg.

IMHALLEF

DEP/REG